## Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tas-6 ta' April 2001**

**Fl-atti tal-mandat ezekuttiv ta' sekwestru numru 146/00 fl-ismijiet:**

**Carmelo Bonnici**

**vs**

**B & M (Supplies) Limited**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta' B & M (Supplies) Limited fejn gie premess:-

1. Illi l-mandat fuq riferit huwa rizultat tal-kawza fl-ismijiet "Joseph Mallia nomine vs Carmelo Bonnici" (Citaz. Nru. 1313/85FGC) deciza fl-20 ta' Marzu 1998;

2. Illi din il-kawza kellha t-talba tas-socjeta' esponenti u kontro-talba minn Carmelo Bonnici, u kemm it-talba tas-socjeta' attrici u kemm il-kontro-talba tal-konvenut gew milqugha u l-ispejjez ripartiti bejn il-partijiet - b'dan illi kien jinhtieg li ssir ratizazzjoni;

3. Illi wara kommunikazzjonijiet bejn l-avukat tas-socjeta' rikorrenti (s-sottoskritt) u Dr. Joseph Galea Debono, dak iz-zmien l-avukat ta' Bonnici, giet ippreparata ratizzazzjoni mill-istess Dr. Galea Debono (Dok. X) li tikkonkludi, bi qbil ma' l-avukat sottoskritt, li l-bilanc dovut lil Bonnici kien ta' Lm808.16,9.  Dan l-ammont thallas permezz ta' cheque numru 1475 fit-28 ta' Mejju 1998;

4. Illi sussegwentement, irrizulta lil Dr. Galea Debono li l-hlas ta' perizja tal-Perit Tekniku AIC M.A. Refalo, kienet giet erronjament mqieghda fil-kolonna ta' l-ispejjez tas-socjeta' attrici flok fil-kolonna ta' Bonnici fit-taxxa ufficcjali (Dok. Y). Wara li saru l-verifiki mehtiega u rrizulta li l-allegazzjoni ta' Bonnici kienet gustifikata, thallset is-somma ta' Lm75.92 permezz ta' cheque numru 1651 fis-7 ta' Awissu 1998. B'hekk gew saldati l-pendenzi bejn il-partijiet relattivi ghall-kawza fuq imsemmija;

5. Illi xi xhur wara, Bonnici biddel l-avukat tieghu li beda jinsisti li r-ratizazzjoni u t-tpacija ma kinitx saret korretament u beda jesigi s-somma ta' Lm390.59, pretensjoni li ma gietx accettata billi l-kalkoli ta' l-avukat Brincat ma kinux korretti u mhux dawk ta' l-avukat precedenti;

6. Illi s-socjeta' esponenti ssostni illi bil-pagament ta' Lm808.16,9 u Lm75.92, mhux biss Bonnici jinsab pjenament imhallas skond is-sentenza izda Bonnici thallas somma zghira aktar milli kienet dovuta lilu;

7. Illi jidher illi din il-kwistjoni kollha hija kwistjoni interna bejn Carmelo Bonnici u l-avukat precedenti tieghu (Dr. J. Galea Debono) dwar hlasijiet dovuti lill-istess avukat - li anki zviluppat f'rapport quddiem il-Kumitat ta' Dixxiplina u Etika ta' l-Avukati, haga li s-socjeta' esponenti la tidhol fiha u anqas trid tidhol fiha, billi hi hallset dak kollu dovut minnha skond is-sentenza u r-ripartizzjoni interna bejn Bonnici u l-avukat tieghu ta' sorte u spejjez, ma tista' qatt tbiddel din is-somma;

Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti talbet li a tenur ta' l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta thassar il-mandat ezekuttiv ta' sekwestru numru 146/00;

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Carmelo Bonnici fejn gie sottomess:-

1. Illi ma hemmx raguni valida fil-ligi ghala l-mandat ghandu jigi revokat;

2. L-Avukat sottoskritt ghamel ezami tas-sentenza moghtija, u tat-taxxa, u minnha wasal ghall-konkluzjonijet, li fil-fehma tieghu huma gusti korretti u skond is-sentenza, li minnhom jirrizulta dak li hu dovut;

3. Ghalkemm is-sentenza tidher komplikata fis-sistema kif il-Qorti allokat l-ispejjez, pero' jekk wiehed jara l-mod semplici kif jasal ghal rizultat, skond il-prospett markat dokument "R", allura jkun semplici biex wiehed jasal ghal bilanc li hu dovut lill-esponenti;

4. L-Avukat sottoskritt jiddikjara li kellu korrispondenza ma' l-avukat tal-kontro-parti, li pero' ma dehrlux li kien hemm lok li ssir diskussjoni fuq il-kaz;

5. L-esponenti jiddikjara li c-cheque ta' Lm75.92 huwa ma sarrfux, ghaliex ma setax jaccetta dan bhala hlas ghas-saldu;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Gunju 2001;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta rikorrenti qed titlob li, a tenur ta' l-artikolu 283A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), jigi mhassar il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 146/00, li l-hrug tieghu gie ottjenut mill-intimat kontra s-socjeta rikorrenti in esekuzzjoni tas-sentenza mghotija minn din il-qorti, diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Mallia nomine vs Carmelo Bonnici" (citazzjoni numru 1313/85FGC) deciza fl-20 ta' Marzu 1998;

Mhux kontestat bejn il-partijiet illi l-ispejjez tal-imsemmija kawza kellhom jigu ratizzati bejn il-partijiet skond it-termini tal-istess sentenza u cioe' skond kif l-istess spejjez gew ripartiti bejn il-partijiet fl-istess sentenza. Inoltre jirrizulta li l-partijiet qabblu, permezz tad-difensuri rispettivi taghhom, dwar din ir-ratizzazzjoni, li in effett saret mid-difensur tal-intimat. Jirrizulta ukoll li s-socjeta rikorrenti hallset sehemha tal-ispejjez skond din ir-ratizzazzjoni;

Sussegwentement l-intimat, permezz tad-difensur il-gdid tieghu, beda jinsisti li r-ratizazzjoni ma kinitx saret korretament. L-intimat ghalhekk beda jippretendi li hu kellu jithallas somma ulterjuri ghar-rigward tal-istess spejjez. Is-socjeta rikorrenti ma accettatx dawn il-pretensjonijiet u ghalhekk l-intimat ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv ghar-rigward tal-imsemmija pretensjonijiet tieghu;

Hu dan il-mandat esekuttiv li s-socjeta rikorrenti qed titlob li jigi mhassar. Da parti tieghu l-intimat qed jissottometti illi ma hemmx raguni valida fil-ligi ghala l-mandat esekuttiv in kwestjoni ghandu jigi revokat. L-intimat jsostni li l-imsemmija pretensjonijiet tieghu huma gusti u korretti skond is-sentenza in kwestjoni;

L-imsemmi artikolu 283A jipprovdi li min jissubixxi att esekuttiv jista’ jitlob li l-istess att jithassar sew ghal kollox jew in parti u dana ghal raguni valida skond il-ligi. In vista ta' dawn il-provedimenti li ghandu jigi deciz f'din l-istanza hu jekk hemmx raguni valida fil-ligi ghala l-mandat esekuttiv in kwestjoni ghandu jigi mhassar;

Jirrizulta li in effett il-partijiet kienu qabblu dwar ir-ratizzazzjoni tal-ispejjez li saret fl-ewwel lok mid-difensur tal-intimat. Hu minnu li tali ratizzazzjoni giet korretta, pero' dan sar bi qbil bejn il-partijiet. Ma tirrizulta ebda raguni valida ghala l-intimat beda jippretendi li r-ratizzazzjoni ma saritx korrettement. Lanqas ma tirrizulta ebda raguni valida ghala l-intimat beda jippretendi li kellu jithallas ammont iehor a bazi ta' ratizzazzjoni gdida. Jekk kellha tinbidel ir-ratizzazzjoni dan kellu jsir bi qbil bejn il-partijiet. Ghalhekk l-intimat ma kellu ebda dritt li jottjeni l-hrug ta' mandat esekuttiv a bazi ta' ratizzazzjoni gdida li dwarha ma hemmx qbil. Semmai, jekk huwa l-kaz, l-intimat kellu jipprocedi kontra s-socjeta rikorrenti sabiex jigi determinat kif ghandhom jigu ripartiti l-ispejjez bejn il-partijiet skond is-sentenza in kwestjoni. Hawnhekk ukoll pero' ghandu jigi konsidrat li l-intimat kien qabel dwar ir-ratizzazzjoni kif saret fl-ewwel lok u kif korretta sussegwentement bi qbil bejn il-partijiet;

In vista ta dan kollu tirrizulta raguni valida fil-ligi ghala l-mandat in kwestjoni ghandu jithassar u dana peress li l-intimat ma kellu ebda dritt li jootjeni l-hrug tal-mandat in kwestjoni;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tipprovdi billi tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti u, a tenur ta' l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, thassar in toto l-mandat ezekuttiv ta' sekwestru numru 146/00;

Spejjez kollha kontra l-intimat.